MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 50/2018

Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

50.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Chev Carmelo Saliba u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 49/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

50.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

50.2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina talab għall-korrezzjoni tal-minuti 49.6.14 fejn qal li kien il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba li ressaq suġġeriment biex jinġabu kwotazzjonijiet għall-korsijiet tas-Sajf. Il-Viċi Sindku qal li hu ma kienx oġġezzjona għall-prezzijiet li kienu nġabu dwar il-korsijiet.

50.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

50.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li hu ġie avviċinat mis-Sinjura Josephine Psaila sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' f'Marsalforn biex jinġabru flus għal ALS Malta fil-preżenza tas-Sur Bjorn Formosa. Is-Sindku fassal programm biex jiġi preżentat quddiem il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn għall-approvazzjoni iżda x'ħin kien ser jiġi ppreżentat il-programm waqt il-laqgħa kien hemm nuqqas ta' qbil u dan ma setax jiġi approvat minħabba li l-laqgħa spiċċat b'nuqqas ta' kworum. Is-Sindku ppreżenta l-programm waqt il-laqgħa tal-Kunsill fejn spjega li biex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż oħra, din l-attivita'

setgħet issir waqt l-attivita' li ser jorganizza Victor Refalo ta' Ekxa Kiosk nhar l-20 ta' Lulju 2018.

50.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li rċieva ittri mit-tfal tal-iskola Primarja taż-Żebbuġ dwar x'jixtiequ jaraw fir-raħal tagħhom. Huwa qal li fost l-ittri kien hemm min semma n-nuqqas ta' ndafa, nuqqas ta' attivitajiet mill-Kunsill fl-iskola kif ukoll aktar postijiet ta' rikreazzjoni. Is-Sindku qal li ser jieħu nota ta' dawn il-punti filwaqt li rringrazzja lil dawn it-tfal għas-suġġerimenti tagħhom.

50.3.3 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar kontijiet li l-Kunsill irċieva mill-kumpanija Road Construction Ltd. Il-Kunsill irċieva kontijiet ta' xogħol li sar fi Triq iċ-Ċaqra, Triq ta' Ċikku, Triq ta' Tutijiet, u parti oħra minn Triq Għar Qawqla li jammontaw għal €184,442.67. Huwa qal li ma' dawn jibqa' il-kont tax-xogħol fuq il-Moll tax-Xwejni li sar din is-sena u ta' xi bankini li kienu saru aktar qabel. Is-Sindku appella għall-attenzjoni fis-suġġerimenti tal-Kunsilliera u saħaq li attivitajiet ġodda u proġetti ġodda li jinvolvu spejjeż mill-Kunsill mhux ser isiru sabiex inħallsu dawn l-ispejjeż u ma nħallux kontijiet pendenti għall-amministrazzjoni li ġejja.

50.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-kuntratt tal-*bulky refuse* ser jiskadi fl-aħħar t'Awwissu 2018. Huwa qal li bħalissa flimkien mal-*contracts manager* qed jiġi studjat kif l-aħjar li tinħareġ din is-sejħa fis-sitwazzjoni preżenti speċjalment bil-problemi li jkun hemm f'Marsalforn sabiex il-Kunsill ikollu l-aqwa servizz. Is-Sindku qal ukoll li b'suġġeriment tal-ħaddiem tal-Kunsill stess is-Sur Godwin Hili offra li l-Kunsill juża l-vettura tiegħu biex jarmi l-ħaxix li jinqata' minnhom fir-raħal u għalhekk il-Kunsill għamel l-arranġamenti meħtieġa biex din il-vettura tkun tista' tidħol il-WasteServ. Wara diskussjoni bejn il-membri ħarġu xi punti fosthom il-possibilta' li l-Kunsill ikollu l-vettura tiegħu biex jarmi l-WasteServ iżda fil-preżent il-finanzi ma jippermettux. Il-membri qalu wkoll li fis-sejħa għal din l-offerta s-servizz mill-kuntrattur għandu jkun aktar frekwenti.

50.3.5 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li xi residenti għamlu suġġeriment sabiex fil-festa jkun hemm is-*sound* ħdejn il-każin tal-banda u fil-promenade ħdejn il-klabb tal-futbol ukoll bħalma jkun hemm fi Triq il-Knisja. Huwa qal li din l-ispiża tammonta għal €500. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

50.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment biex isir xogħol ta' żebgħa tas-sinjali sofor eżistenti fix-Xwejni ħdejn il-*boathouses* peress li m'għadhomx jidhru wisq. Kien hemm qbil dwar dan.

50.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-*mobile toilets* li kull Sajf kienu jsiru mill-Ministeru għal Għawdex u li sa issa għadhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu diġa' bagħat diversi *emails* biex dawn isiru mill-aktar fis.

50.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet suġġeriment sabiex jitranġaw u jinżebgħu l-bankijiet u l-*pots* tal-*concrete* li hemm fil-Qbajjar ħdejn *Horizon Restaurant*. Kien hemm qbil dwar dan.

## 50.5 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: TENDER FOR THE RESURFACING OF PART OF TRIQ WIED L-INFERN AND TRIQ WIED L-ABJAD UNDER MEASURE 4.3 OF THE EUROPEAN AGRICULTURAL FUND FOR RURAL DEVELOPMENT;

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Ġunju 2018. Dawn kienu :
Road Construction Co. Ltd (Lot 1) €80,855.38
Peter Paul Said (Lot 1) €128,509.07
Impresa Cassarino Salvatore (Lot 1) €131,118.55
Road Construction Co. Ltd (Lot 2) €135,840.67
Peter Paul Said (Lot 2) €182,938.55
Impresa Cassarino Salvtatore (Lot 2) €234,198.00
Gatt Tarmac Ltd ( Lot 2) €148,811.37

50.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda lil Road Construction Co. Ltd. peress li kienet l-irħas offerta u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

50.5.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat unanimament.Il-Kunsill unanimament qabel li jkun organizzat dan il-programm t'attivitajiet:

## 50.6 Rapport Annwali Amministrattiv 2017;

50.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2017. Billi r-rapport kien iċċirkulat minn qabel, dan ittieħed bħala moqri mill-Kunsill. Bi qbil unanimu, il-Kunsill approva r-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2017 hekk kif preżentat.

## 50.7 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

50.7.1 Ċirkulari AKL 2018/063 – Stqarrija għall-Istampa 13/06/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.2 Ċirkulari AKL 2018/064 – EU Town Twinning El Verger Spanja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.3 Ċirkulari AKL 2018/065– Town Twinning (Italja). Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.4 Ċirkulari AKL 2018/065 – Aħbar ta' mewt tas-Sur Michael Grech, ħu s-Sinjura Anna Calleja, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.5 Ċirkulari AKL 2018/066 – POYC Outreach Program "Kun af Aktar Dwar il-Mediċini Tiegħek". Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.6 Ċirkulari AKL 2018/066 – Stqarrija għall-Istampa 19/06/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.7 Ċirkulari AKL 2018/067 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill japplika għall-Bus Shelter ġdid jew jirraporta ħsarat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.8 Ċirkulari AKL 2018/068 – Rapport – Sistema ta' Żvilupp li tħares l-interess ta' kulħadd. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.9 Ċirkulari AKL 2018/069 – Stedina għall-BBQ f'Għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.10 Ċirkulari AKL 2018/070 – Ġbir ta' informazzjoni – Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.11 Ċirkulari AKL 2018/071 – Talba minn organizazzjoni mill-Greċja – Sħubija fil-proġett iffinanzjat mill-EEA Grants. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.12 Ċirkulari AKL 2018/072 – Dokument – L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.13 Ċirkulari AKL 2018/073 – Press Conference – European Mobility Week in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.14 Ċirkulari AKL 2018/074 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 8. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.15 Ċirkulari AKL 2018/075 – Malta Textil Recycling. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.16 Ċirkulari AKL 2018/076 – Aħbar ta' mewt tas-Sur Martin Farrugia, ħu l-Kunsillier Daniel Farrugia u z-Ziju tal-Kunsilliera Daniela Farrugia, fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.17 Ċirkulari AKL 2018/077 – Proċedura Stabbilita ta' kif Kunsill jirraporta ħsarat fil-provista tal-ilma/drenaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.18 Ċirkulari AKL 2018/078 – Aħbar ta' mewt tas-Sur Francis Sammut, in-nannu ta' Kunsillier Clinton Sammut, Kunsill Lokali In-Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.19 DĠ Komunikat 01/2018 – Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.20 Stqarrija mill-Kumitat Reġjonali Ċentru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.21 IPS *Circular No*. 6/2018 – Sponsorship in Academic Courses. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.22 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser imexxi bir-rakkomandazzjoni lill-Ministru biex tiġġedded il-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Liliana Borg. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.23 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni tal-polza t'assigurazzjoni għall-attivita' li ser tkun organizzata mill-Kunsill nhar it-13 u l-14 ta' Lulju 2018. Din kienet tammonta

għal €171.50. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex issir din il-polza.

50.7.24 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni għal *reserved parking* tas-Sinjura Maria Stella Borg, li ġiet miċħuda min-naħa tagħhom peress li l-applikant għandu garaxx u mhux is-sewwieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50.7.25 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Assistent Direttur tal-uffiċċju tal-proġetti maġġuri fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, dwar suġġeriment mill-Kunsill biex possibilment jiġu kkunsidrati xogħlijiet f'toroq għas-sena 2019. Wara qbil mill-membri f'korrispondenza li kienet intbagħtet permezz ta' *email*, il-Kunsill bagħat suġġeriment akkumpanjat b'*site plan* u *BOQ* għal Triq Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ u Triq Santa Marija f'Marsalforn.

50.7.26 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għal xogħlijiet ulterjuri fuq is-sistema tal-*live streaming* fi Pjazza l-Assunta u fil-Knisja. Dan minħabba li jrid isir *router* fil-knisja sabiex is-sistema tkun tista' tintefa' u tinxtgħel meta jkun il-bżonn. L-ammont ta' din l-istima intela' għal €266.50 oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

50.7.27 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar *Pink October* biex il-Kunsill jipparteċipa f'din il-kampanja u jixgħel xi post prominenti fir-raħal bil-kulur roża bħala għarfien dwar il-kanċer tas-sider. Il-membri preżenti qablu li jsir suġġeriment lill-Arċipriet biex tiddawwal il-koppla tal-Knisja.

50.7.28 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-Ministru sabiex joħroġ sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13. Dan fid-dawl li x-xogħol fl-uffiċini tal-Kunsill żdied minħabba diversi skemi ta' fondi li kiseb il-Kunsill kif ukoll minħabba żieda qawwija ta' xogħol fiż-żona turistika ta' Marsalforn. Skont il-proċeduri tal-Jobsplus, din is-sejħa trid toħroġ l-ewwel internament fi ħdan il-Kunsill taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil bejn il-membri li l-bord tal-intervisti jkun magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sindku, mill-Kunsilliera Sandra Grech, mis-Sinjura Liliana Borg u bħala *chairman* tal-bord is-Sur William Sultana.

50.7.29 Ilment 30/2018 – J. Camilleri
Jitlob sabiex isiru double yellow lines fi Triq Skapuċċina fil-parti d-dejqa tat-triq u ftit il fuq u l-isfel mill-isqaq peress li ma jistax jidħol u joħroġ mill-isqaq bit-trakkijiet tiegħu. Is-Sindku wieġeb li hemm proċeduri għaddejjin fil-Qorti tal-Maġistrati Għawdex u mhux għaqli li wieħed jagħmel xejn qabel jingħata l-verdett mill-qorti. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

50.7.30 Ilment 31/2018 – E. Grech

Jitlob biex isir *railing* ħdejn il-moll fix-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li dan ir-*railing* flimkien mas-sellum tal-moll diġa sar mis-sezzjoni tal-beaches fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

50.7.31 Ilment 32/2018 – M. Galea Enriquez

Titlob biex isiru granpuni fuq arblu fi Triq il-Lampuka, ż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li dawn kienu diġa saru u minħabba kwistjonijiet li kienu nqalgħu kellhom jerġgħu jitneħħew. Il-membri preżenti qablu li ma jerġgħux isiru.

50.7.32 Ilment 33/2018 – Chev. C. Saliba

Biex issir kaxxa safra quddiem residenza 16, Triq il-Knisja Żebbuġ biex ma jipparkjawx vetturi peress li meta jipparkjaw ikunu qed jinblokkaw l-aċċess tas-sid fid-dar tiegħu. Dan ukoll minħabba l-fatt li ma tistax issir bankina quddiem din ir-residenza. Kien hemm qbil mill-membri.

50.7.33 Ilment 34/2018 – Chev. C. Saliba

Vot ta' awgurju lis-Sindku ta' Maletto peress li reġa ġie re-elett Sindku fejn ma' din il-lokalita' kien sar ġemellaġġ. Il-membri preżenti esprimew l-awgurju tagħhom għal dan.

50.7.34 Applikazzjoni tad-Divertiment

- George Borg obo Vini e Capricci – Dinner – Xwejni Salt Pans (site plan attached) – 04/08/2018 – Approvata;
- Alessandro Ciappo obo I Toscani Restaurant – Band – Qbajjar Marsalforn – 8, 12, 15, 19, 22, 26, 29 Lulju 2018 & 2, 5, 9, 12, 16, 23, 26, 30 Awwissu 2018 – Approvata.

Il-Kunsill saħaq li l-permess huwa approvat mill-Kunsill bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill u ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Pulizija

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 38/2018 tal-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 50.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 36/2018 għall-perjodu bejn id-9 ta' Ġunju 2018 u il-5 ta' Lulju 2018 li tammonta għal €63,050.29 kienet approvata u ffirmata.

## 50.10 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 50.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 24 t' Awwissu 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 24 t' Awwissu 2018.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |